31993R3533

23.12.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 321/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3533/93

tal-21 ta' Diċembru 1993

li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3444/90, (KEE) Nru 3445/90 u (KEE) Nru 3446/90, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-għoti ta' għajnuna għall-ħażna privat tal-laħam tal-majjal, taċ-ċanga u l-vitella, u l-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tal-majjal [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1249/89 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 22 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 747/93 [4], u b'mod partikolari l-Artikoli 8(2) u 25 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3013/89 tal-25 ta' Settembru 1989 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 363/93 [6], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) u t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 28 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar il-valuta monetarja u r-rati tal-kambju li għandhom jiġu applikati għall-iskopijiet ta' l-istrateġija agrikola komuni [7], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi hemm xi ambigwità fit-testi kurrenti tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3444/90 [8], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3792/90 [9], (KEE) Nru 3445/90 [10] u (KEE) Nru 3446/90 [11], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1259/91 [12], fejn għandha x'taqsam il-penalità li għandha tiġi mposta fil-każ li l-limitu taż-żmien għat-tqegħid fl-ħażna jkun maqbuż; billi għalhekk li hu neċessarju li jiġi kjarifikat it-test fuq dan il-punt;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 3813/92 jintroduċi arranġamenti agrimonetarji ġodda mill-1 ta' Jannar 1993; billi, taħt dawk l-arranġamenti, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1068/93 tat-30 ta' April 1993 dwar ir-regoli dettaljati għad-determinazzjoni u l-applikazzjoni tar-rati tal-kambju agrikoli [13] jistabbilixxi l-ġrajjiet operattivi għar-rati tal-kambju agrikolu; billi, għalhekk, huwa neċessarju li tiġi stabbilita l-ġrajja operattiva għall-ħażna privata fis-settur tal-laħam tal-majjal, imsemmi fir-Regolament (KEE) Nru 3444/90, fis-settur taċ-ċanga u l-vitella msemmi fir-Regolament (KEE) Nru 3445/90 u fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż, imsemmi fir-Regolament (KEE) Nru 3446/90;

Billi l-esperjenza wriet li f'xi ċirkustanzi, u b'mod partikolari fejn hu magħmul użu eċċessiv ta' l-iskema ta' għajnuna ta' ħażna privata, hemm ir-riskju ta' abbuż fl-applikazzjoni tiegħu;

Billi, għalhekk, id-deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet biex jokkonkludu l-kuntratti għandhom jiġu mgħarrfa wara li jkun għadda perjodu ta' riflessjoni; billi dak il-perjodu għandu jħalli li s-sitwazzjoni fis-suq tiġi assessjata u jippermetti li ssir dispożizzjoni, fejn xieraq, għall-miżuri speċjali li japplikaw b'mod partikolari għall-applikazzjonijiet li jkunu għadhom pendenti; billi, sabiex tkun tista' tamministra s-sistema, il-Kummissjoni għandha jkollha informazzjoni dwar il-kwantitajiet ta' prodotti li għalihom l-applikazzjonijiet għall-konklużżjoni tal-kuntratti jkunu ġew ippreżentati;

Billi l-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-laħam tal-Majjal, taċ-Ċanga u tal-Vitella u tal-laħam tan-Nagħaġ u tal-laħam tal-Mogħoż,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 3444/90 hu hawnhekk emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 5(5) hu mibdul b'dan li ġej:

"5. Meta iż-żmien limitat għat-tqegħid fil-ħażna, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), hu maqbuż, il-garanzija għandha tkun issekwestrata skond l-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

Soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(3), jekk il-limitu taż-żmien permezz ta' l-Artikolu 4(1) jkun maqbuż b'aktar minn 10 ijiem, l-għajnuna m'għandiex tkun mogħtija.";

[1] ĠU L 282, tal-11.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 129, tal-11.5.1989, p. 12.
[3] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[4] ĠU L 77, tal-31.3.1993, p. 15
[5] ĠU L 289, tas-7.10.1989, p. 1.
[6] ĠU L 42, tad-19.2.1993, p. 1.
[7] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.
[8] ĠU L 333, tat-30.11.1990, p. 22.
[9] ĠU L 365, tat-28.12.1990, p. 5.
[10] ĠU L 333, tat-30.11.1990, p. 30
[11] ĠU L 333, tat-30.11.1990, p. 39.
[12] ĠU L 120, tal-15.5.1991, p. 15.
[13] ĠU L 108, ta' l-1.5.1993, p. 106.

2. L-Artikolu 8 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Ir-rata tal-kambju li għandha tkun applikata:

— għall-ammonti ta' għajnuna għandha tkun ir-rata tal-kambju agrikola eżistenti fil-ġurnata msemmija fl-Artikolu 9(2),

— għall-ammonti tal-garanziji għandha tkun ir-rata tal-kambju agrikola eżistenti fil-ġurnata li fiha tkun ippreżentata l-garanzija ma' l-aġenzija ta' l-intervenzjoni.";

3. L-Artikolu 11(b) hu mibdul b'dan li ġej:

"(b) Deċiżjonijiet fuq applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti għandhom jiġu mgħarrfa mill-aġenzija ta' l-intervenzjoni kompetenti lil kull applikant permezz ta' ittra rreġistrata, telex jew telefax, jew ikkunsinjata kontra stqarrija ta' irċevuta, fil-ħames ġurnata tax-xogħol wara l-ġurnata li fiha tkun ippreżentata l-applikazzjoni, basta li l-Kummissjoni ma tadottax miżuri speċjali ma tul dan il-perjodu.

Meta eżaminazzjoni tas-sitwazzjoni turi li kien hemm użu eċċessiv ta' l-iskema introdotta permezz ta' dan ir-Regolament, jew jekk hemm riskju ta' użu eċċessiv, miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu:

— is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal mhux aktar minn ħamest ijiem ta' xogħol. F'dak il-każ, l-applikazzjonijiet għall-konklużjoni ta' kuntratti ippreżentati matul dak il-perjodu m'għandhomx jiġu aċċettati,

— it-tqegħid ta' persentaġġ waħdieni li permezz tiegħu il-kwantitajiet fl-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti huma mnaqqsa, soġġetti għall-osservanza tal-kwantità kuntrattwarja minima fejn xieraq,

— ir-rifjutar ta' l-applikazzjonijiet magħmula qabel il-perjodu ta' sospensjoni li l-aċċettazzjoni tagħhom kienet ġiet deċiża matul il-perjodu ta' sospensjoni.";

4. L-Artikolu 15(2) hu mibdul b' li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni permezz tat-telex jew it-telefax:

(a) nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis ta' kull ġimgħa, bil-kwantitajiet ta' prodotti li għalihom l-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti jkunu ġew ippreżentati;

(b) qabel il-Ħamis ta' kull ġimgħa u maqsuma skond il-perjodu tal-ħażna, bil-prodotti u bil-kwantitajiet li għalihom ikunu ġew konklużi l-kuntratti matul il-ġimgħa preċedenti, billi jingħata sommarju tal-prodotti u l-kwantitajiet li għalihom ikunu ġew konklużi l-kuntratti;

(ċ) ta' kull xahar, bil-prodotti u l-kwantitajiet totali mqiegħda fil-ħażna;

(d) ta' kull xahar, bil-prodotti u l-kwantitajiet totali attwalment maħżuna u bil-prodotti u l-kwantitajiet totali li għalihom ikun ġie mitmum il-perjodu kuntrattwali ta' ħażna;

(e) ta' kull xahar, jekk il-perjodu ta' ħażna jkun ġie mqassar jew estiż bi qbil ma' l-Artikolu 3(3)(g) jew imnaqqas bi qbil ma' l-Artikolu 9(4) jew (6), bil-prodotti u l-kwantitajiet li għalihom il-perjodu ta' ħażna jkun ġie rrivedut u bix-xhur oriġinali u rriveduti għat-tneħħija mill-ħażna."

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 3445/90 hu emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 5(5) hu mibdul b'dan li ġej:

"5. Meta l-limitu taż-żmien għat-tqegħid fil-ħażna, msemmi fl-Artikolu 4(1) hu maqbuż, il-garanzija għandha tkun issekwestrata bi qbil ma' l-artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

Soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(3), jekk il-limitu taż-żmien taħt l-Artikolu 4(1) jkun maqbuż b'aktar minn 10 ġranet, l-għajnuna m'għandiex tkun mogħtija.";

2. L-Artikolu 8 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Ir-rata tal-kambju li għandha tkun applikata:

— għall-ammonti ta' l-għajnuna għandha tkun ir-rata tal-kambju agrikola eżistenti fil-ġurnata msemmija fl-Artikolu 9(2),

— għall-ammonti tal-garanziji għandha tkun ir-rata tal-kambju agrikola eżistenti fil-ġurnata li fiha tkun ippreżentata l-garanzija ma' l-aġenzija ta' l-intervenzjoni.";

3. L-Artikolu 11(b) hu mibdul b'dan li ġej:

"(b) Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti għandhom jiġu mgħarrfa mill-aġenzija ta' l-intervenzjoni kompetenti lil kull applikant permezz ta' ittra rreġistrata, telex jew telefax, jew ikkunsinjata kontra stqarrija ta' irċevuta fil-ħames ġurnata tax-xogħol wara l-ġurnata li fiha tkun ippreżentata l-applikazzjoni, sakemm il-Kummissjoni ma tadottax miżuri speċjali ma tul dak il-perjodu.

Meta l-eżaminazzjoni tas-sitwazzjoni turi li kien hemm użu eċċessiv ta' l-iskema introdotta permezz ta' dan ir-Regolament, jew jekk hemm riskju ta' użu eċċessiv, miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu:

— is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal mhux aktar minn ħames ġranet ta' xogħol. F'dak il-każ, l-applikazzjonijiet għall-konklużjoni ta' kuntratti ippreżentati matul dak il-perjodu m'għandhomx jiġu aċċettati,

— it-tqegħid ta' persentaġġ waħdieni li permezz tiegħu il-kwantitajiet fl-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti huma mnaqqsa, soġġetti għall-osservanza tal-kwantità kuntrattwarja minima fejn xieraq,

— ir-rifjutar ta' l-applikazzjonijiet magħmula qabel il-perjodu ta' sospensjoni li l-aċċettazzjoni tagħhom kienet ġiet deċiża matul il-perjodu ta' sospensjoni.";

4. L-Artikolu 15(2) hu mibdul b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni permezz tat-telex jew it-telefax:

(a) nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis ta' kull ġimgħa, bil-kwantitajiet ta' prodotti li għalihom applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti jkunu ġew ippreżentati;

(b) qabel il-Ħamis ta' kull ġimgħa u maqsuma skond il-perjodu ta' ħażna, bil-prodotti u l-kwantitajiet li għalihom ikunu ġew konklużi l-kuntratti matul il-ġimgħa preċedenti, bl-għoti ta' sommarju tal-prodotti u l-kwantitajiet li għalihom ikunu ġew konklużi l-kuntratti;

(ċ) ta' kull xahar, bil-prodotti u l-kwantitajiet totali mqiegħda fil-ħażna u, fil-każ tat-tneħħija ta' l-għadam, bil-kwantità totali ta' laħam bl-għadam mhux maqlugħ;

(d) ta' kull xahar, bil-prodotti u l-kwantitajiet totali attwalment maħżuna u bil-prodotti u l-kwantitajiet totali li għalihom ikun ġie mitmum il-perjodu kuntrattwali ta' ħażna;

(e) ta' kull xahar, jekk il-perjodu ta' ħażna jkun ġie mqassar jew estiż skond l-Artikolu 3(3)(g) jew imnaqqas skond l-Artikolu 9(4) jew (6), bil-prodotti u l-kwantitajiet li għalihom il-perjodu ta' ħażna jkun ġie rrivedut u bix-xhur oriġinali u rriveduti għat-tneħħija mill-ħażna."

Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 3446/90 hu hawnhekk emendat kif ġej:

1. fit-tieni inċiż, "l-Artikolu 7(4)" hu mibdul bi "l-Artikolu 7(5)";

2. l-Artikolu 5(5) hu mibdul b'dan li ġej:

"5. Meta l-limitu taż-żmien għat-tqegħid fil-ħażna, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), hu maqbuż, il-garanzija għandha tkun issekwestrata bi qbil ma' l-artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

Soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(3), jekk il-limitu taż-żmien permezz ta' l-Artikolu 4(1) jkun maqbuż b'aktar minn 10 ġranet, l-għajnuna m'għandiex tkun mogħtija.";

3. L-Artikolu 8 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Ir-rata tal-kambju li għandha tkun applikata:

— għall-ammonti ta' għajnuna għandha tkun ir-rata tal-kambju agrikola eżistenti fil-ġurnata msemmija fl-Artikolu 9(2),

— għall-ammonti tal-garanziji għandha tkun ir-rata tal-kambju agrikola eżistenti fil-ġurnata li fiha tkun ippreżentata l-garanzija ma' l-aġenzija ta' l-intervenzjoni.";

4. L-Artikolu 11(b) hu mibdul b'dan li ġej:

"(b) Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti għandhom jiġu mgħarrfa mill-aġenzija ta' l-intervenzjoni kompetenti lil kull applikant permezz ta' ittra rreġistrata, telex jew telefax, jew ikkunsinjata kontra stqarrija ta' irċevuta fil-ħames ġurnata tax-xogħol wara l-ġurnata li fiha tkun ippreżentata l-applikazzjoni, sakemm il-Kummissjoni ma tadottax miżuri speċjali ma tul dan il-perjodu.

Meta l-eżaminazzjoni tas-sitwazzjoni turi li kien hemm użu eċċessiv ta' l-iskema introdotta permezz ta' dan ir-Regolament, jew jekk ikun hemm riskju ta' użu eċċessiv, miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu:

— is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal mhux aktar minn ħamest ġranet tax-xogħol. F'dak il-każ, l-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti ippreżentati matul dak il-perjodu m'għandhomx jiġu aċċettati,

— it-tqegħid ta' persentaġġ waħdieni li permezz tiegħu il-kwantitajiet fl-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti huma mnaqqsa, soġġetti għall-osservanza tal-kwantità kuntrattwarja minima fejn xieraq,

— ir-rifjutar ta' l-applikazzjonijiet magħmula qabel il-perjodu ta' sospensjoni li l-aċċettazzjoni tagħhom kienet ġiet deċiża matul il-perjodu ta' sospensjoni.";

5. L-Artikolu 15(2) hu mibdul b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni permezz tat-telex jew it-telefax:

(a) nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis ta' kull ġimgħa, bil-kwantitajiet ta' prodotti li għalihom applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti jkun ġew ippreżentati;

(b) qabel il-Ħamis ta' kull ġimgħa u maqsuma skond il-perjodu tal-ħażna, bil-prodotti u l-kwantitajiet li għalihom ikunu ġew konklużi l-kuntratti matul il-ġimgħa preċedenti, bl-għoti ta' sommarju tal-prodotti u l-kwantitajiet li għalihom ikunu ġew konklużi il-kuntratti;

(ċ) ta' kull xahar, bil-prodotti u l-kwantitajiet totali mqiegħda fil-ħażna;

(d) ta' kull xahar, bil-prodotti u l-kwantitajiet totali attwalment maħżuna u bil-prodotti u l-kwantitajiet totali li għalihom ikun ġie mitmum il-perjodu kuntrattwali tal-ħażna;

(e) ta' kull xahar, jekk il-perjodu tal-ħażna jkun ġie mqassar jew estiż skond l-Artikolu 3(3)(g) jew imnaqqas skond l-Artikolu 9(4) jew (6), bil-prodotti u l-kwantitajiet li għalihom il-perjodu tal-ħażna jkun ġie rrivedut u bix-xhur oriġinali u rriveduti għat-tneħħija mill-ħażna."

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

Għandu japplika għall-ħażna privata miftuħa sa minn dik id-data.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni